L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

22 ta' Mejju 2020

**NOTA DWAR SANITAZZAZZJONI TA' KNEJJES U BINJIET EKKLEŻJASTIĊI LI FIHOM OPRI TAL-ARTI**

1. Sanitizzazzjoni trid issir b'mod manwali, mhux bl-użu ta' sprayers kummerċjali.
2. Ma għandhiex issir sanitizzazzjoni ta' opri tal-arti.
3. Ħadd ma jista' japplika, jimsaħ, jew jisprejja opri tal-arti ta' kwalunkwe tip, antiki jew kontemporanji, ħlief minn konservatur tal-arti kwalifikat.
4. Ħadd ma jista' jqabbad kumpanija għal sanitizzazzjoni mingħajr il-permess espliċitu għal kull każ mill-Kurja.
5. F'każ ta' materjal ta' karta antika, abiti sagri, kalċijiet, li setgħu ġew b'xi mod infettati, dawn għandhom jitħallew fi kwarantina f'post sigur għal għaxart ijiem.
6. Sanitizzazzjoni tista' ssir fl-uffiċċji fuq materjali moderni, wara li jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji.
7. Rigward l-art/pavimenti u d-daħla tal-knejjes (portiċi) jistgħu jitpoġġew twapet sanitizzati (sanitised mats) fid-daħla tal-bibien.
8. Importanti nifhmu li l-użu ta' sprays jagħmel ħsara irreparabbli lill-pittura, induratura, bronż, irħam u materjali oħra.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**